Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/3160

20.12.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3160

tad-9 ta' Ottubru 2024

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/688 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 131(1), il-punti (c) u (d), tiegħu

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li huwa trażmess lill-annimali jew lill-bnedmin. Fil-Parti IV, it-Titolu I, il-Kapitolu 3 tiegħu, dak ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri miżmuma.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 ([2]) jissupplimenta r-regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard elenkati fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tal-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri, inklużi l-ungulati suxxettibbli għall-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika.

(3) L-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika hija elenkata fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]) bħala marda tal-Kategorija D li għaliha huma meħtieġa miżuri biex jiġi evitat milli din tinxtered minħabba movimenti bejn l-Istati Membri. Is-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika fl-Unjoni nbidlet mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2016/429 u r-Regolament Delegat (UE) 2020/688, bl-ewwel notifika li qatt saret ta' tifqigħat fl-Unjoni f'diversi Stati Membri fl-2022. It-tixrid tal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika kompla wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2515 ([4]), l-aħħar emenda tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688, li introduċa miżuri ġodda ta' mitigazzjoni tar-riskju applikabbli għall-movimenti tal-annimali terrestri fl-Unjoni f'sitwazzjonijiet fejn l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment li jinsab f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 150 km madwar dak l-istabbiliment li fih tkun ġiet irrapportata l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq. Sabiex tiġi indirizzata t-tkomplija tat-tixrid tal-marda u jiġi pprovdut livell adegwat ta' protezzjoni għas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali tal-Istati Membri tad-destinazzjoni u tal-passaġġ, filwaqt li jiġi ffaċilitat il-moviment sikur tal-annimali fl-Unjoni, jeħtieġ li jiġu introdotti aktar miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri u bajd għat-tifqis (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 140, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/688/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2515 tat-8 ta' Settembru 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/688 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri (ĠU L, 2023/2515, 14.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2515/oj).

(4) B'mod partikolari, it-tilqim kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika huwa inkluż fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri ([5]) tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) bħala mezz effettiv għall-prevenzjoni tat-trażmissjoni tal-virus permezz tal-moviment tal-annimali, irrispettivament miċ-ċirkolazzjoni tal-virus fil-post tal-oriġini, meta jiġi applikat f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi l-użu ta' vaċċini bħala miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju għal ċerti movimenti ta' ċerti ungulati miżmuma tal-ispeċijiet elenkati li jkunu ġejjin minn stabbiliment li jinsab f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 150 km madwar dak l-istabbiliment li fiha tkun ġiet irrapportata l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika fl-annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq.

(5) Barra minn hekk, l-esperjenza wriet li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-destinazzjoni huma fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali lokali fil-postijiet tad-destinazzjoni fir-rigward ta' ċerti ungulati miżmuma li joriġinaw minn żoni fejn tkun ġiet irrapportata l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika fl-annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati għal dik il-marda matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi prevista xi flessibbiltà għall-Istati Membri biex jistabbilixxu miżuri oħra ta' mitigazzjoni tar-riskju minbarra dawk diġà previsti għall-movimenti ta' tali annimali fir-Regolament Delegat (UE) 2020/688 sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' protezzjoni fil-post tad-destinazzjoni, soġġett għall-prinċipju tal-proporzjonalità. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi l-għażla li wieħed jikkonforma mal-miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni li jqisu s-sitwazzjoni fil-livell lokali għall-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika.

(6) L-użu ta' vaċċini u l-konformità ma' miżuri speċifiċi oħra ta' mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jenħtieġ li jiġu previsti fir-rigward tal-movimenti bejn l-Istati Membri ta' annimali bovini, ovini, kaprini, kamelidi, ċervidi, u ta' ungulati miżmuma oħra.

(7) Barra minn hekk, l-operazzjonijiet tat-trasport b'annimali li jkunu ġejjin minn stabbiliment li jinsab f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 150 km madwar dak l-istabbiliment fejn tkun ġiet irrapportata infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika fl-annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati għal dik il-marda matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq lejn Stat Membru tad-destinazzjoni, li ma jikkonformawx mal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju previsti għal din is-sitwazzjoni fir-Regolament Delegat (UE) 2020/688 jew li jikkonformaw ma' miżuri oħra ta' mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni, jistgħu joħolqu riskju għas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-Istat Membru tal-passaġġ jew żona tiegħu. Għalhekk, għal tali operazzjonijiet ta' trasport, sabiex l-Istat Membru tal-passaġġ jikseb protezzjoni xierqa kontra r-riskju maħluq mill-passaġġ, jixraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-protezzjoni tal-mezzi tat-trasport kontra l-vetturi u fir-rigward tal-ħatt tal-annimali u li tiġi prevista l-possibbiltà ta' deroga minnhom.

(8) Għal raġunijiet ta' trasparenza, l-awtorizzazzjoni ta' ċerti tipi ta' movimenti fl-Unjoni li ma jikkonformawx mal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju previsti għal din is-sitwazzjoni fir-Regolament Delegat (UE) 2020/688, jew li jikkonformaw ma' miżuri oħra ta' mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni, jew li jinvolvu operazzjonijiet tat-trasport li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti previsti għal din is-sitwazzjoni fir-Regolament Delegat (UE) 2020/688, jenħtieġ li sseħħ biss jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jew tal-Istat Membru tal-passaġġ tkun ikkomunikat minn qabel lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li t-tali tip ta' movimenti huwa awtorizzat, irrispettivament mill-Istat Membru tal-oriġini jew żona tiegħu.

([5]) Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, *Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri*, il-Kapitolu 8.7, 2023.

(9) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/688 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/688 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, fil-punt (f)(ii), jiżdied is-subpunt 3 li ġej:

"3. l-annimali jkunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika u jkunu fil-perjodu ta' immunità garantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin u jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

— ikunu tlaqqmu mill-inqas 60 jum qabel id-data tal-moviment;

— ikunu tlaqqmu b'vaċċin inattivat u ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi fuq kampjuni miġbura mill-anqas 14-il jum wara l-bidu tal-immunità stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin.";

(b) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (f)(ii), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza t-tipi ta' moviment li ġejjin lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu:

(a) movimenti li ma jissodisfaw l-ebda wieħed mis-settijiet ta' rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-punt (f)(ii); jew

(b) movimenti li jissodisfaw miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni tar-riskju definiti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni meta tikkomunika l-awtorizzazzjoni tagħha f'konformità mar-raba' subparagrafu.";

(c) jiżdied it-tielet subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu, il-punti (a) jew (b), il-movimenti mill-Istat Membru tal-oriġini lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni minn ġo Stat Membru ieħor (l-"Istat Membru tal-passaġġ") jew żona tagħhom, għandhom jikkonformaw ma' mill-inqas wieħed mis-settijiet ta' rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandhom isiru bl-użu ta' mezzi tat-trasport li jkunu ġew protetti minn attakki ta' vetturi matul it-trasport u:

— il-vjaġġ ippjanat ma jinkludix il-ħatt tal-annimali għal perjodu itwal minn jum wieħed; jew

— l-annimali jinħattu fi stabbiliment protett mill-vetturi jew matul il-perjodu ħieles mill-vetturi;

(b) l-Istat Membru tal-passaġġ ikun awtorizza it-tip ta' moviment.";

(d) jiżdied ir-raba' subparagrafu li ġej:

"L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza biss tipi ta' movimenti f'konformità mat-tieni subparagrafu, jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u, fil-każ tal-punt (b) tat-tielet subparagrafu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-passaġġ, tkun infurmat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-awtorizzazzjoni ta' tali tipi ta' movimenti irrispettivament mill-Istat Membru tal-oriġini jew żona tiegħu.";

2. fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, fil-punt (e)(ii), jiżdied is-subpunt 3 li ġej:

"3. l-annimali jkunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika u jkunu fil-perjodu ta' immunità garantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin u jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

— ikunu tlaqqmu mill-inqas 60 jum qabel id-data tal-moviment;

— ikunu tlaqqmu b'vaċċin inattivat u ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi fuq kampjuni miġbura mill-anqas 14-il jum wara l-bidu tal-immunità stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin.";

(b) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (e)(ii), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza t-tipi ta' moviment li ġejjin lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu:

(a) movimenti li ma jissodisfaw l-ebda wieħed mis-settijiet ta' rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-punt (e)(ii); jew

(b) movimenti li jissodisfaw miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni tar-riskju definiti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni meta tikkomunika l-awtorizzazzjoni tagħha f'konformità mar-raba' subparagrafu.";

(c) jiżdied it-tielet subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu, il-punti (a) jew (b), il-movimenti mill-Istat Membru tal-oriġini lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni minn ġo Stat Membru ieħor (l-"Istat Membru tal-passaġġ") jew żona tagħhom, għandhom jikkonformaw ma' mill-inqas wieħed mis-settijiet ta' rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandhom isiru bl-użu ta' mezzi tat-trasport li jkunu ġew protetti minn attakki ta' vetturi matul it-trasport u:

— il-vjaġġ ippjanat ma jinkludix il-ħatt tal-annimali għal perjodu itwal minn jum wieħed; jew

— l-annimali jinħattu fi stabbiliment protett mill-vetturi jew matul il-perjodu ħieles mill-vetturi;

(b) l-Istat Membru tal-passaġġ ikun awtorizza it-tip ta' moviment.";

(d) jiżdied ir-raba' subparagrafu li ġej:

"L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza biss tipi ta' movimenti f'konformità mat-tieni subparagrafu, jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u, fil-każ tal-punt (b) tat-tielet subparagrafu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-passaġġ, tkun infurmat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-awtorizzazzjoni ta' tali tipi ta' movimenti irrispettivament mill-Istat Membru tal-oriġini jew żona tiegħu.";

3. fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, fil-punt (g)(ii), jiżdied is-subpunt 3 li ġej:

"3. l-annimali jkunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika u jkunu fil-perjodu ta' immunità garantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin u jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

— ikunu tlaqqmu mill-inqas 60 jum qabel id-data tal-moviment;

— ikunu tlaqqmu b'vaċċin inattivat u ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi fuq kampjuni miġbura mill-anqas 14-il jum wara l-bidu tal-immunità stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin.";

(b) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (g)(ii), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza t-tipi ta' moviment li ġejjin lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu:

(a) movimenti li ma jissodisfaw l-ebda wieħed mis-settijiet ta' rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-punt (g)(ii); jew

(b) movimenti li jissodisfaw miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni tar-riskju definiti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni meta tikkomunika l-awtorizzazzjoni tagħha f'konformità mar-raba' subparagrafu.";

(c) jiżdied it-tielet subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu, il-punti (a) jew (b), il-movimenti mill-Istat Membru tal-oriġini lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni minn ġo Stat Membru ieħor (l-"Istat Membru tal-passaġġ") jew żona tagħhom, għandhom jikkonformaw ma' mill-inqas wieħed mis-settijiet ta' rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandhom isiru bl-użu ta' mezzi tat-trasport li jkunu ġew protetti minn attakki ta' vetturi matul it-trasport u:

— il-vjaġġ ippjanat ma jinkludix il-ħatt tal-annimali għal perjodu itwal minn jum wieħed; jew

— l-annimali jinħattu fi stabbiliment protett mill-vetturi jew matul il-perjodu ħieles mill-vetturi;

(b) l-Istat Membru tal-passaġġ ikun awtorizza it-tip ta' moviment.";

(d) jiżdied ir-raba' subparagrafu li ġej:

"L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza biss tipi ta' movimenti f'konformità mat-tieni subparagrafu, jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u, fil-każ tal-punt (b) tat-tielet subparagrafu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-passaġġ, tkun infurmat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-awtorizzazzjoni ta' tali tipi ta' movimenti irrispettivament mill-Istat Membru tal-oriġini jew żona tiegħu.";

4. fl-Artikolu 26, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, fil-punt (g)(ii), jiżdied is-subpunt 3 li ġej:

"3. l-annimali jkunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika u jkunu fil-perjodu ta' immunità garantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin u jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

— ikunu tlaqqmu mill-inqas 60 jum qabel id-data tal-moviment;

— ikunu tlaqqmu b'vaċċin inattivat u ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi fuq kampjuni miġbura mill-anqas 14-il jum wara l-bidu tal-immunità stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin.";

(b) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (g)(ii), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza t-tipi ta' moviment li ġejjin lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu:

(a) movimenti li ma jissodisfaw l-ebda wieħed mis-settijiet ta' rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-punt (g)(ii); jew

(b) movimenti li jissodisfaw miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni tar-riskju definiti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni meta tikkomunika l-awtorizzazzjoni tagħha f'konformità mar-raba' subparagrafu.";

(c) jiżdied it-tielet subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu, il-punti (a) jew (b), il-movimenti mill-Istat Membru tal-oriġini lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni minn ġo Stat Membru ieħor (l-"Istat Membru tal-passaġġ") jew żona tagħhom, għandhom jikkonformaw ma' mill-inqas wieħed mis-settijiet ta' rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandhom isiru bl-użu ta' mezzi tat-trasport li jkunu ġew protetti minn attakki ta' vetturi matul it-trasport u:

— il-vjaġġ ippjanat ma jinkludix il-ħatt tal-annimali għal perjodu itwal minn jum wieħed; jew

— l-annimali jinħattu fi stabbiliment protett mill-vetturi jew matul il-perjodu ħieles mill-vetturi;

(b) l-Istat Membru tal-passaġġ ikun awtorizza it-tip ta' moviment.";

(d) jiżdied ir-raba' subparagrafu li ġej:

"L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza biss tipi ta' movimenti f'konformità mat-tieni subparagrafu, jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u, fil-każ tal-punt (b) tat-tielet subparagrafu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-passaġġ, tkun infurmat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-awtorizzazzjoni ta' tali tipi ta' movimenti irrispettivament mill-Istat Membru tal-oriġini jew żona tiegħu.";

5. fl-Artikolu 29, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, fil-punt (f)(ii), jiżdied is-subpunt 3 li ġej:

"3. l-annimali jkunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika u jkunu fil-perjodu ta' immunità garantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin u jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

— ikunu tlaqqmu mill-inqas 60 jum qabel id-data tal-moviment;

— ikunu tlaqqmu b'vaċċin inattivat u ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi fuq kampjuni miġbura mill-anqas 14-il jum wara l-bidu tal-immunità stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin.";

(b) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (f)(ii), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza t-tipi ta' moviment li ġejjin lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu:

(a) movimenti li ma jissodisfaw l-ebda wieħed mis-settijiet ta' rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-punt (f)(ii); jew

(b) movimenti li jissodisfaw miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni tar-riskju definiti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni meta tikkomunika l-awtorizzazzjoni tagħha f'konformità mar-raba' subparagrafu.";

(c) jiżdied it-tielet subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu, il-punti (a) jew (b), il-movimenti mill-Istat Membru tal-oriġini lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni minn ġo Stat Membru ieħor (l-"Istat Membru tal-passaġġ") jew żona tagħhom, għandhom jikkonformaw ma' mill-inqas wieħed mis-settijiet ta' rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandhom isiru bl-użu ta' mezzi tat-trasport li jkunu ġew protetti minn attakki ta' vetturi matul it-trasport u:

— il-vjaġġ ippjanat ma jinkludix il-ħatt tal-annimali għal perjodu itwal minn jum wieħed; jew

— l-annimali jinħattu fi stabbiliment protett mill-vetturi jew matul il-perjodu ħieles mill-vetturi;

(b) l-Istat Membru tal-passaġġ ikun awtorizza it-tip ta' moviment.";

(d) jiżdied ir-raba' subparagrafu li ġej:

"L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza biss tipi ta' movimenti f'konformità mat-tieni subparagrafu, jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u, fil-każ tal-punt (b) tat-tielet subparagrafu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-passaġġ, tkun infurmat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-awtorizzazzjoni ta' tali tipi ta' movimenti irrispettivament mill-Istat Membru tal-oriġini jew żona tiegħu.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,id-9 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN